

Brussell, 16 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10134/25

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0463 (COD)

AG 83
JAI 799
FREMP 159
DISINFO 54
HYBRID 69
MI 381
DATAPROTECT 111
AUDIO 48
CONSOM 107
TELECOM 189
CODEC 787

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	16646/24
Suġġett:	Proposta għal Direttiva dwar it-Trasparenza tar-Rappreżentanza ta' Interessi f'isem Pajjiżi Terzi - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni adottat il-pakkett dwar "id-Difiża tad-Demokrazija". Dan jikkonsisti fi:
 - i. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Difiża tad-Demokrazija¹.
 - ii. Proposta għal Direttiva ġdida dwar it-Trasparenza tar-Rappreżentanza ta' Gruppi ta' Interess imwettqa f'isem pajjiżi terzi² (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva proposta").
 - iii. Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 1024/2012 u (UE) 2018/1724³ li takkumpanja d-Direttiva proposta.
 - iv. Valutazzjoni tal-impatt⁴ li takkumpanja ż-żewġ proposti leġiżlattivi fil-punti (ii) u (iii).
 - v. Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni u t-tishiġ tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew⁵.
 - vi. Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tal-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika⁶.
2. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) huwa l-kumitat ewlieni. Ir-relatur maħtura hija Adina VALEAN (PPE, Rumanija). L-eżami tal-proposta tal-Kummissjoni fil-Parlament Ewropew għadu għaddej. F'dan l-istadju, l-IMCO huwa mistenni jivvota dwar l-abbozz ta' rapport f'Lulju b'vot finali fil-Plenarja f'Settembru.

¹ Dokument 16935/23 + ADD 1.

² Dokument 16889/23 + ADD 1 + ADD 2.

³ Dokument 17076/23.

⁴ Dokument 16889/23 + ADD 3 + ADD 4; 17076/23 ADD 1 + ADD 2.

⁵ Dokument 7434/24.

⁶ Dokument 7433/24.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-Opinjoni⁷ tiegħu fl-24 ta' April 2024.
4. Fit-8 ta' Frar 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) qabel dwar il-konsultazzjoni fakultattiva⁸ tal-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-Opinjoni⁹ tiegħu fis-17 ta' April 2024.

II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

5. Il-Kummissjoni ppreżentat l-elementi ewlenin tal-pakkett, inkluż id-Direttiva proposta u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha, fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali (GAG) fid-9 ta' Jannar 2024 u ż-żewġ rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-laqgħa tal-GAG fil-11 ta' Jannar.
6. Il-Ministri kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-pakkett dwar id-"Difiża tad-Demokrazija", inkluż id-Direttiva proposta, fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali (KAĠ) fid-29 ta' Jannar 2024 abbażi ta' dokument informali tal-Presidenza¹⁰.
7. Abbażi ta' dan, matul il-Presidenza Belġjana, il-GAG lesta l-ewwel eżami tad-Direttiva proposta inkluż skambju dwar l-aspetti prattiċi tad-Direttiva proposta u dwar ir-reġistru ta' trasparenza tal-UE. Xi delegazzjonijiet ikkondividew ukoll informazzjoni dwar reġistri / leġislazzjoni nazzjonali, kemm dawk fis-seħħ kif ukoll dawk ippjanati.
8. Is-Servizz Legali tal-Kunsill ħareġ opinjoni¹¹ bil-miktub dwar il-bażi legali tal-proposta fil-25 ta' April 2024.

⁷ Dokument 9738/24.
⁸ Dokument 6003/24.
⁹ Dokument 10327/24.
¹⁰ Dokument 5428/24.
¹¹ Dokument 9328/24.

9. Il-Coreper iddiskuta l-kwistjonijiet politiċi ewlenin identifikati fid-diskussjonijiet fil-livell tal-GAG, fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Mejju 2024 abbażi ta' nota ¹²li tidentifika l-oqsma ewlenin li jeħtieġu gwida għal aktar ħidma. Il-Presidenza siltet għadd ta' konklużjonijiet operazzjonali minn din il-laqgħa¹³.
10. Il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) kellu dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2024 abbażi ta' nota¹³, li kienet tinkludi mistoqsijiet biex jiggwidaw id-dibattitu. Id-dibattitu kopra diversi kwistjonijiet ewlenin inkluż il-bażi legali, il-kamp ta' applikazzjoni u l-oġettivi, il-livell ta' armonizzazzjoni, ir-reġistri u l-ħtieġa għal analiżi ulterjuri.
11. Din id-diskussjoni pprovdiet gwida importanti għal aktar ħidma fil-livell tekniku. Il-ministri kkonfermaw l-appoġġ ġenerali tagħhom għall-oġettivi tad-direttiva u qablu dwar il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-interferenza minn pajjiżi terzi. Il-ministri qablu wkoll dwar il-ħtieġa li jkun hemm definizzjonijiet ċari bbażati fuq kriterji oġġettivi, u li tiġi evitata l-istigmatizzazzjoni. Barra minn hekk, il-possibbiltà ta' armonizzazzjoni sħiħa ġiet irrifjutata b'mod ġenerali.
12. Matul it-tieni semestru tal-2024, il-Presidenza Ungeriża ffukat l-isforzi tagħha fuq id-diskussjoni tar-reġistri u r-regoli nazzjonali eżistenti u ppjanati. Hija kkondividiet kwestjonarju dettaljat dwar ir-reġistri nazzjonali biex tikseb fehim aħjar tar-regoli u l-prattiki nazzjonali attwali u ppjanati tal-Istati Membri rigward ir-reġistrazzjoni tal-attivitajiet ta' llobbjar u biex tidentifika s-similaritajiet u d-differenzi bejniethom.

¹² Dokument 10266/24.

¹³ Dokument 10805/24.

13. Il-valutazzjoni tal-Previdenza tat-tweġibiet¹⁴ għal dan il-kwestjonarju ġiet ippreżentata u diskussa f'laqgħa tal-GAG fil-21 ta' Novembru u fil-Coreper fis-6 ta' Diċembru 2024, abbażi ta' dokument ta' diskussjoni.¹⁵
14. Abbażi ta' din id-deliberazzjoni, il-Previdenza ħejjiet rapport ta' progress¹⁶ li l-Coreper ħa nota tiegħu fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2024.

III. IS-SITWAZZJONI ATTWALI

15. Il-Previdenza Pollakka kompliet l-eżami tal-proposta leġislattiva fil-livell tal-GAG abbażi ta' ħames dokumenti ta' diskussjoni li tħejjew sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju dwar kwistjonijiet politiċi ewlenin tal-proposta¹⁷.
16. Matul dawn id-diskussjonijiet, ġew ikkunsidrati għadd ta' elementi, b'mod partikolari l-livell ta' armonizzazzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni, id-definizzjonijiet, il-kooperazzjoni transfruntiera, is-sanzjonijiet u s-salvagwardji kontra l-istigmatizzazzjoni.
17. Abbażi ta' dan, il-Previdenza ħejjiet l-ewwel test ta' kompromess¹⁸ li ġie diskuss fil-GAG fil-laqgħat tat-13, il-15 u l-20 ta' Mejju 2025.

¹⁴ Dokument 15070/24.

¹⁵ Dokument 16241/24.

¹⁶ Dokument 16646/24.

¹⁷ Dokument WK 1316/25; WK 1841/25; WK 2543/25; WK 3141/25; WK 4581/25.

¹⁸ Dokument WK 5510/25.

18. Id-delegazzjonijiet esprimew appoġġ globali rigward id-direzzjoni tat-test ta' kompromess u appoġġ ġenerali dwar il-kwistjonijiet politiċi ewlenin, b'mod partikolari:
- i. il-kamp ta' applikazzjoni, bi preferenza li tiġi limitata l-applikabbiltà tal-proposta għar-rappreżentanza tal-interessi f'isem pajjiżi terzi;
 - ii. kjarifiki rigward id-definizzjoni ta' attività ta' rappreżentanza ta' interessi u dik ta' uffiċjal ta' Stat Membru;
 - iii. approċċ ta' armonizzazzjoni minima, flimkien ma' tnaqqis tal-piż amministrattiv, is-simplifikazzjoni ġenerali tat-test, kif ukoll obbligi ta' rappurtar imnaqqsa għall-Istati Membri;
 - iv. iż-żamma ta' salvagwardji kontra l-istigmatizzazzjoni fit-test kollu.
19. Madankollu, ftit delegazzjonijiet żammew l-appell tagħhom għal kamp ta' applikazzjoni akbar lil hinn mir-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi filwaqt li oħrajn qajmu tħassib dwar ir-reġistrazzjoni unika fir-reġistru tal-Istat Membru tal-istabbiliment (prinċipali). Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet qiesu li d-definizzjoni riveduta tal-attivitajiet ta' rappreżentanza ta' interessi – li issa hija bbażata fuq komunikazzjoni ma' uffiċjali pubbliċi maħtura – għadha wiesgħa wisq.
20. Abbażi tal-osservazzjonijiet li waslu bil-fomm fil-GAG, u sussegwentement bil-miktub, il-Presidenza ser tippreżenta test ta' kompromess¹⁹ rivedut fil-laqgħa tal-GAG fl-20 ta' Ġunju.

¹⁹ Dokument 9646/25.

21. Il-bidliet ewlenin meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni jinkludu:

- i. approċċ ta' armonizzazzjoni minima b'mod ġenerali;
- ii. definizzjoni aktar stretta ta' attività ta' rappreżentanza ta' gruppi ta' interess;
- iii. definizzjoni aktar iffukata ta' uffiċjal ta' Stat Membru;
- iv. esklużjoni aktar ċara tal-finanzjament ewlieni ta' entità mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dment li ma tkunx relatata ma' attività ta' rappreżentanza ta' interessi fisem pajjiżi terzi;
- v. obbligu ta' reġistrazzjoni għas-sottokuntratturi biex jimminimizzaw ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni;
- vi. simplifikazzjoni tar-rekwiżiti u l-proċedura tar-reġistrazzjoni kif ukoll taż-żamma tar-rekords u l-kooperazzjoni transfruntiera;
- vii. ġuriżdizzjoni superviżorja bbażata fuq in-nazzjonalità tal-uffiċjal milqut;
- viii. tnaqqis tal-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri;
- ix. żieda fl-ammont massimu ta' penali finanzjarji;
- x. estensjoni tal-perjodu ta' traspożizzjoni.

IV. **KONKLUŻJONIJIET**

22. Il-Coreper huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress.
